Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-22 ta' Frar, 2004

Numru 323/2004

QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
COURT OF MAGISTRATES (MALTA)

bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali
MAGISTRAT DR D MONTEBELLO B.A.LLd

I1-Pulizija
(Spettur Edel Mary Camilleri

vs

Vittorio Cerchiaro

ILLUM IL-HAMIS 22 T' ARPIL 2004

Il-Qorti,

Rat l-atti tal-Kumpilazzjoni fejn l-imputat gie akkuzat illi:-

Fis-16 ta April 2004 u f'dati ta wara f' San Giljan u bnadi ohra f dawn il-gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji. jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' Lrn50 ghad-dannu ta Ashraf Jarbo (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 356781 M.) Bi ksur ta l-Artilcolu 308 u 309 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. u

Taht 1-istess cirkostanzi ggestixxa xi attivita' kummercjali f'xi triq minghajr licenza millawtorita' regolatorja. Bi ksur ta' 1-Artikolu 14 (1) tal-Kapitolu 441 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat, wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453 wissietu bil- konsegwenzi legali tat-twegiba tieghu u tghatu zmien biex jikkonsidra, stqarr li huwa hati ta' r-reati dedotti kontra tieghu.

Rat l-Artikolu 392 (a) (2) u ghalhekk qed tghaddi sabiex bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tghati lill-akkuzat is-sentenza skond il-ligi.

Ghalhekk fuq ammissjoni issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u wara li rat l-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitlu 9 u l-Artikolu 14(1) u 29 tal-Kap. 441 tal-Ligijiet ta Malta u wara li qieset li l-piena karacerarja mhiex konsiljabbli ghall-kaz stante il-fedina penali netta tal-imputat, il-kooperazzjoni tieghu mal-Pulizija fl-investigazzjoni tal-kaz u l-fatt li rrestitwixxa l-qligh abusiv u stante l-adezjoni tal-Prosekuzzjoni, b'applikazzjoni tal-Artikolu 21 tal-Kap. 9 qed tikkundannah ghall-hlas ta multa ta sitt mitt lira (LM600) fuq l-ewwel imputazzjoni u ghall-hlas ta ammenda ta hamsa u ghoxrin lira (LM25) fuq it-tieni imputazzjoni.

Inoltre tordna l-konfiska tal-oggetti kollha elevati mill-poter ta'l-imputat u esibiti mill-Prosekuzzjoni (hlief ghall-passaport ta' l-imputat).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------